**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 434/04**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Dennis Theuma)**

**vs**

**Herman McKay**
**(ID 590483(M))**

**DIGRIET**

**Illum, 11 ta' Novembru 2020**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat **Herman McKay** ta' 20 sena, bin Martin u Doris nee` Mifsud, imwieled il-Pieta` fl-24 ta' Novembru 1983, residenti 275, Triq Ħal Qormi, Marsa, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 590483(M) jinsab akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fl-24 ta' Lulju 2004 u matul ix-xhur ta' qabel:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni, jew għall-persuna jew persuni, mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President

ta' Malta li jforni d-droga msemmija, mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussesgwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2019, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement illi tkun tista' tressaq il-provi sabiex turi illi r-rekwiżiti meħtieġa ai termini ta' l-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti[1];

Rat id-digriet tagħha tal-istess jum, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tad-difiża sabiex tressaq dawn il-provi;

Rat ukoll illi fuq talba tal-istess difiża ukoll fl-istess jum, il-Qorti ħatret bħala espert lill-psikologa forensika Dr. Roberta Holland sabiex tirrelata dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga eroina f'Lulju 2004 u matul ix-xhur ta' qabel;

[1] Ara a fol. 198 tal-proċess.

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert[2], semgħet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-każ;

Semgħet trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tinsab differita għal-lum sabiex il-Qorti tipprovdi dwar it-talba tad-difiża magħmula minnha ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, permezz ta' dawn il-proċeduri l-imputat **Herman McKay** qiegħed jiġi akkużat bir-reati ta' traffikar u pussess aggravat tad-droga eroina, b'referenza għall-jum tal-24 ta' Lulju 2004 u x-xhur ta' qabel din id-data, u dan wara illi nhar l-24 ta' Lulju 2004, allegatament kellu jsir xiri kontrollat ta' droga eroina mingħand l-istess imputat da parti ta' ċertu Shone Agius. Dakinhar stess, l-imputat odjern ġie mwaqqaf mill-pulizija u allegatament ġie nnutat jarmi borża kontenenti droga eroina.

Illi f'dan l-istadju, meqjusa t-talba tad-difiża mressqa ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mansjoni ta' din il-Qorti hija dik li tevalwa l-eżistenza tar-rekwiżiti elenkati fit-tieni sub-inċiż tal-artikolu appena msemmi, u b'hekk jekk jimmeritax li l-imputat jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-istess artikolu. Fi kliem ieħor, il-Qorti f'dan l-istadju preliminari u indipendenti mill-kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw il-mertu, jeħtieġ li tqis jekk jirriżultax li għandhiex mis-sewwa r-raġuni fuq liema d-difiża qegħda ssejjes it-talba tagħha.

Kif ġie rassodat diversi drabi, sabiex talba bħal dik in diżamina tirnexxi, jeħtieġ illi d-difiża turi li jissussistu r-rekwiżiti tassattivi u kumulattivi elenkati fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 537, fosthom illi l-imputat kien tassew dipendenti fuq sustanzi illeċiti fiż-żmien li għalih jirreferu l-akkużi odjerni. Pruvata l-allegata dipendenza, ikun jeħtieġ illi d-difiża ulterjorment turi illi r-reati li bihom l-imputat jinsab mixli, ikunu sostanzjalment twettqu kawża tad-dipendenza tal-istess imputat fuq id-droga.

Huwa stabbilit fid-dawl tal-prinċipju kardinali illi min jallega jrid jipprova, illi l-prova dwar l-eżistenza tar-rekwiżiti fuq imsemmija tinkombi fuq id-difiża. Ebda obbligu legali f'dan is-sens ma huwa impost fuq il-Prosekuzzjoni, u wisq inqas fuq il-Qorti, li l-unika funzjoni tagħha hija d-determinazzjoni tat-talbiet imressqa lilha, liema funzjoni l-Qorti taqdiha *super partes* u b'ħarsien sħiħ tal-liġijiet applikabbli. Huwa wkoll evidenti illi fid-deċiżjoni dwar it-talba tad-difiża magħmula ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537, id-deċiżjoni fil-mertu tibqa'

[2] Ara a fol. 226 sa 250 tal-proċess.

dejjem impreġudikata. B'hekk, il-Qorti m'għandhiex u m'hijiex, hija u tikkunsidra talba bħal dik tal-lum, tinoltra ruħha fil-mertu.

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tosserva illi minkejja li hija laqgħet it-talba tad-difiża sabiex tiġi awtorizzata tressaq provi in sostenn ta' din it-talba tagħha, bil-għan li din l-istess Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, l-uniċi provi li ressqet id-difiża kienu x-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud, li bdiet issegwi lill-imputat biss f'Marzu 2018 u li fil-fatt ma tagħmel l-ebda prova dwar id-dipendenza tal-imputat fuq id-droga jew illi r-reati li bihom jinsab mixli l-imputat kienu attribwibbli għal din id-dipendenza u l-prova li tittenta tagħmel tramite l-ħatra tal-espert Dr. Roberta Holland u r-relazzjoni preżentata minnha. Fil-fatt id-difiża tistrieħ kważi interament u unikament fuq ir-rapport tal-istess espert, oltre li tistrieħ periferalment biss fuq ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation*.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet *supra*, il-Qorti tosserva illi n-nuqqas tad-difiża li tressaq provi in sostenn ta' talba ta' din ix-xorta jikkostitwixxi nuqqas serju, li fil-fehma ta' din il-Qorti m'għandux jiġi sanċit. Filwaqt li tqis illi r-relazzjoni ta' espert, bħal dik redatta u esebita minn Dr. Roberta Holland, maħtura mill-Qorti fuq talba tad-difiża, tista' tkun ta' għajnuna għall-Qorti sabiex din tasal għad-deċiżjoni tagħha, partikolarment fejn l-espert toffri konferma jew korroborazzjoni, anke jekk mhux b'mod dirett, tal-provi li tkun ressqet id-difiża, din il-Qorti tqis illi m'għandiex tippermetti li din il-prassi – u ċioe` li d-difiża tistrieħ interament fuq relazzjoni ta' espert mingħajr ma tressaq ebda prova oħra - issir konswetudni.

Dan naturalment ma jfissirx illi t-talba tad-difiża, kemm f'dan il-każ, kif ukoll f'oħrajn, ma tistax tirnexxi kemm il-darba jirriżulta għas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti illi l-elementi elenkati fl-imsemmi artikolu tassew jissussistu. Lanqas ma għandu jfisser madankollu illi d-difiża tkun ġiet eżentatata milli tressaq provi oħrajn, fil-każ fejn il-Qorti tkun ħatret espert, bħal fil-każ tal-lum. Għall-korrettezza u kompletezza tal-kunsiderazzjonijiet preżenti, il-Qorti tqis li huwa fatt notevoli illi l-Kapitolu 537 ma jirrikjedix li l-Qorti taħtar espert, la darba ssir it-talba mid-difiża ai termini tal-Artikolu 8, għalkemm naturalment m'hijiex prekluża milli tagħmel dan.

Il-Qorti qegħda tagħmel dawn il-kunsiderazzjonijiet dettaljati mhux għaliex il-każ tal-lum jimmerita l-applikazzjoni ta' xi normi proċedurali li ma japplikawx, jew li ma kinux japplikaw, għal deċiżjonijiet oħrajn ta' din ix-xorta. Għall-kuntrarju il-Qorti qegħda tagħmel dawn il-kunsiderazzjonijiet għaliex tqis illi ċ-ċirkustanzi tal-każ tal-lum huma kemm xejn partikolari, primarjament, iżda mhux biss, fid-dawl tat-trapass ta' xejn inqas minn sittax-il sena miż-żmien li fih l-imputat allegatament wettaq ir-reati li bihom jinsab akkużat.

Il-Qorti tqis illi fil-waqt li r-rapport peritali minnu nnifsu jikkostitwixxi prova, din il-prova m'għandhiex tirrimpjazza provi oħrajn li d-difiża hija mistennija tressaq in sostenn tat-talba tagħha. Dan huwa kkonfermat ukoll bid-digriet tal-Qorti fejn, bħal fil-każ tal-lum, ġie debitament verbalizzat illi l-ħatra tal-espert kienet qegħda ssir sabiex tiġi stabbilita l-allegata dipendenza tal-imputat fuq id-droga, fiż-żmien li għalih jirreferu l-akkużi odjerni.

Il-mansjoni tal-espert Dr Roberta Holland, li għalhekk kienet sewwa sew tirrifletti t-talba mressqa mid-difiża, ma kinitx intiża wkoll sabiex permezz tal-istess relazzjoni tagħha jiġi stabbilit jekk ir-reati li l-imputat allegatament wettaq, kinux sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu, pruvata bl-għajnuna ta' l-espert. Il-Qorti tosserva illi qiegħed jiġri illi ta' spiss, bħal f'dan il-każ, id-difiża bħal tissodisfa ruħha bil-konklużjonijiet peritali dwar id-dipendenza, fil-waqt li donnha tinsa li r-responsabilita` tagħha tinkludi wkoll il-produzzjoni tal-prova ta' dan l-aħħar rekwiżit tal-liġi. Hekk għal darb'oħra jidher illi ta' spiss, bħal fil-każ odjern, id-difiża terħi r-responsabilita` f'idejn il-Qorti sabiex tifli hija stess l-atti biex issib il-prova tar-raġuni għat-twettiq tar-reat.

Fl-aħħarnett, filwaqt li l-Qorti tqis illi l-grad tal-prova fir-rigward tat-talba ai termini tal-Artikolu 8 mhuwiex l-istess grad li bih il-Prosekuzzjoni mistennija li tipprova l-każ tagħha fil-konfront tal-imputat, tali provi jridu jkunu konvinċenti u bastanti u għalhekk fi grad tali li jikkonvinċu lill-Qorti, almenu fuq bilanċ ta' probabilitajiet, illi dak allegat mid-difiża tassew jissussisti.

Mix-xhieda tal-espert Dr. Roberta Holland, kif ukoll mir-relazzjoni minnha preżentata, jirriżulta illi hija tikkonkludi illi l-imputat kien dipendenti fuq sustanzi lleċiti għal ħabta tas-sena 2004. Tippreċiża illi d-droga li fuqha kien dipendenti l-imputat kienet id-droga kokaina u mhux id-droga eroina. Minkejja illi din il-Qorti ħatret lil Dr Robert Holland sabiex tirrelata dwar l-allegata dipendenza tal-imputat fuq id-droga eroina, madankollu tqis, kif sewwa tirrileva d-difiża fit-sottomissjonijiet verbali tagħha, illi dak li huwa ta' rilevanza għal finijiet tat-talba, oltre r-rekwiżiti oħra tal-liġi, hija d-dipendenza tal-imputat fuq id-droga fiż-żmien relattiv u għalhekk in-natura tas-sustanza, la darba skedata u lleċita, ma hijiex ta' rilevanza partikolari. L-espert tirrelata wkoll illi ż-żmien li fih l-imputat odjern jirriżulta li kien dipendenti huwa dak bejn is-snin 2004 u 2006, u tiggradwa din id-dipendenza bejn livell baxx u livell moderat.

Minkejja li fil-fehma tal-Qorti ma teżistix raġuni impellenti għaliex din il-Qorti għandha twarrab il-konklużjonijiet raġġunti mill-espert minnha nominat, il-Qorti tqis illi l-kontenut tal-istess relazzjoni jagħti lok għal diversi dubji dwar l-eżistenza tar-rekwiżiti meħtieġa fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 537. Dawn id-dubji, fil-fehma ta' din il-Qorti, huma ulterjorment rinfurzati bix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation*. Apparti l-konklużjoni tal-espert dwar il-grad ta' dipendenza tal-

imputat fuq id-droga, jirriżulta mill-istess relazzjoni illi l-imputat stqarr mal-espert illi "*kien hemm żminijiet meta kien anke jagħmel qligħ mid-droga*"[3] u f'dan il-kuntest hija tosserva illi "*wieħed jifhem kif anke jekk hu ma kienx qiegħed juża ammonti kbar, il-fatt li kien ikollu id-droga f'idejh, kien inevitabbilment iwassal għal xi użu minn naħa tiegħu*"[4], liema użu jidher li kien jiżdied iżjed mal-imputat ikollu droga ossia kokaina f'idejh. Skont l-istess relazzjoni in oltre, il-ħajja tal-imputat kienet waħda fi kliemu stess "*mħarbta*", u dan iżjed milli sempliċiment minħabba l-użu tad-droga, kien ukoll b'riżultat tal-istil ta' ħajja kriminoġenika li kien jgħix, involviment fil kriminalita` li kienet tinkludi bejgħ tad-droga, reati oħrajn, kunflitti u użu ta' vjolenza fil-konfront ta' terzi, nuqqas ta' stabbilita` f'relazzjonijiet u residenza, nuqqas ta' xogħol u attivitajiet pożittivi regolari, u attitudni ta' nuqqas ta' rispett lejn ħaddieħor u lejn il-liġi. Skont l-istess relazzjoni, l-istess imputat kien ikun f'ambjent fejn id-droga kienet aċċessibbli u fejn kellu kummerċ għaliha. Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni illi bħala riżultat tal-użu tad-droga da parti tiegħu, l-imputat ma semmiex li kien hemm xi tibdil drammatiku fl-imġieba tiegħu, li qatt prova jnaqqas u ma rnexxielux, jew li kien hemm xi konsegwenzi serji fuq il-ħajja personali u soċjali tiegħu, għalkemm dawn ma kinux tajbin jew fi stat ta' funzjoni sodisfaċenti – din madankollu kienet l-għażla tiegħu minħabba l-istil ta' ħajja li kien jgħix u li sa dak iż-żmien qatt ma kien għamel sforz li jinqata' minnha.

Da parti tagħha, imbagħad, fix-xhieda tagħha, l-Uffiċjal tal-*Probation* tgħid illi "*Fejn tidhol il-problema tad-droga, to be honest jiena ghalija qatt ma kienet cara. Huwa semma li kellu l-problema tad-droga tal-kokaina u eroina. Jiena kont ghamilt kuntatt mad-Detox, imma nfurmawni li qatt ma kellu kuntatt maghhom.*"[5] Dwar dan tispjega illi għaliha qatt ma kien ċar, mis-sessjonijiet li kellha mal-imputat, liema kienu ż-żminijiet li fihom l-imputat kien jagħmel użu mid-droga, jew mil-liema droga kien jabbuża, anke għaliex huwa qatt m'għamel kuntatt ma' Aġenziji kontra l-vizzju tad-droga. Fil-waqt illi tgħid illi d-droga lanqas ma kienet xi problema li kellha għalfejn tiffoka fuqha fil-każ tal-imputat, anke għaliex hija dejjem ħarset mill-Ordni ta' *Probation* li huwa ngħata f'Marzu 2018 'il quddiem, f'liema żmien l-imputat dejjem irriżulta fin-negattiv għal teħid ta' sustanzi lleċiti, mill-banda l-oħra, hija tgħid ukoll illi hija staqsiet lill-imputat "*Ara jekk jirnexxilekx turi li inti verament ghandek problema*"[6], għal-liema huwa kien provda rekord ta' *overdose* mill-isptar. Dwar dan madankollu, il-Qorti tirrileva illi mir-relazzjoni tal-espert Dr. Holland jirriżulta illi l-imputat ħa *overdose*, mhux għax kien bi żvista kkonsma l-eroina b'mod eċċessiv kif normalment jiġri, iżda għaliex l-istess imputat kien ikkonsma l-eroina waqt li kien

[3] Ara a fol. 237 tal-proċess.
[4] A fol. 237 tal-proċess.
[5] A fol. 253 tal-proċess. Ara din ix-xhieda a fol. 252 sa 263 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 258 tal-proċess.

qiegħed jaħrab mill-pulizija, li ċertament ifisser biss illi l-imputat kellu d-droga eroina fil-pussess tiegħu, iżda mhux neċessarjament li kien jagħmel użu minnha mingħajr rażan jew kontroll, kif trid tagħti x'tifhem id-difiża.

Dan kollu jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi minkejja l-konklużjoni tal-espert illi l-imputat kellu xi forma ta' dipendenza baxxa għal moderata fuq id-droga kokaina fiż-żmien in kwistjoni, ma jirriżultax sodisfaċentement ippruvat illi din id-dipendenza kienet il-kawża prinċipali tar-reati li bihom huwa jinsab mixli, fit-termini tal-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 537.

Il-Qorti tqis illi minkejja illi huwa minnu illi permezz tal-emendi ntrodotti bis-saħħa tal-Att XXXII tal-2018, twarrbet il-ħtieġa tal-kwalifiki tad-dipendenza, fis-sens illi l-liġi m'għadhiex tirrikjedi dipendenza gravi u medika għall-finijiet ta' talba bħal dik odjerna, dan ma jfissirx illi kwalsiasi użu jew abbuż, anke jekk meqjus bħala dipendenza imqar baxxa jew moderata, jista' jwassal sabiex jiġu sodisfatti dawn ir-rekwiżiti tal-liġi, stante illi dejjem tibqa' l-ħtieġa illi r-reat ikun sostanzjalment attribwibbli għal din id-dipendenza.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qegħda **tiċħad** it-talba tad-difiża sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat